**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**15 ta' April 2019**

**Rikors Numru 25/2018**

**Motor Tests Services Limited u Anne Marie Grech**

**Vs**

**Transport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikorsipprezentat minn **Motor Tests Services Limited u Anne Marie Grech** fl-20 ta' Marzu 2018 li permezz tieghu ppremettew is-segwenti:

*"Illi l-esponenti ghandhom koncess lilhom permess ta' operatur ai termini tal-legislazzjoni sussidjarja 65.15 u cioe Motor Vehicle Roadworthiness Tests Regulations;*

*Illi permezz ta' ittra datata 26 ta' Frar 2018 gie allegat li l-vrt station tal-esponenti kien processa vrt test fittizju ta' 177 vettura bejn l-1 ta' Dicembru 2017 u l-31 ta' Dicembru 2017u fl-istess perjodu kienu ghaddew mit-test 51 vettura meta dawn mhux suppost li ghaddew;*

*Illi kawza ta' dan l-allegat agir ittiehdu l-licenzji kollha tal-esponenti u hija giet ikkundannata minn l-intimati multa ta' 11,110 Euro;*

*Illi l-esponenti tinsab ferm aggravata mid-decizjoni msemmija stante li hija twaqfilha l-operat taghha fejn hija wkoll kienet timpjega terzi jahdmu maghha bil-familji rispettivi taghhom;*

*Illi mhux biss izda kif appena l-esponenti kienet edotta li xi wiehed mil-lavranti taghha seta' possibbilment ikkommetta xi rregolarita', hija stess marret u informat lill-Pulizija Ezekuttiva kif se jirrizulta waqt il-gbir tal-provi. Illi l-esponenti ghadha sa issa ssegwi l-kaz mal-Pulizija sabiex hija tkun tista' tikkawtela l-posizzjoni taghha fil-ligi;*

*Illi, il-Pulizija min-naha taghhom gharfu lill-intimati b'dak li l-esponenti stess irrapurtat;*
*Illi tajjeb li jinghad li l-esponenti ghandha kaz pendenti quddiem dana t-Tribunal fl-istess ismijiet premessi numru 45/17CG. Illi f'dak il-kaz l-esponenti qed tikkontesta l-agir tal-intimati maghha fuq kaz separat;*

*Illi kumbinazzjoni, wara kontro-ezami serraljat min-naha tal-avukat tal-intimati, l-esponenti giet notifikata bl-ittra odjerna li hija qed tikkontesta permezz tal-proceduri odjerni stante li d-decizjoni ma hijiex wahda gusta u korretta fic-cirkostanzi;*

*Illi filwaqt li l-esponenti tirrikonoxxi l-obbligi taghha fil-ligi, certament li ma tistax tigi mmultata u penalizzata minhabba agir kriminuz ta' haddiehor;*

*Illi inoltre d-decizjoni li l-vrt station tal-esponenti jispicca ma jistax jopera minhabba d-decizjoni li ttiehdet kienet wahda harxa zzejjed ghall-esponenti fic-cirkostanzi;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qed titlob bir-rispett li dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 15 tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex joghgbu:-*

*1] Ihassar u jirrevoka kompletament is-sanzjonijiet imposti kontra r-rikorrenti kif indikati fl-ittra mibghuta datata 26 ta' Frar 2018 u dana minhabba fir-ragunijiet moghtija f'dan l-umli rikors;*

*2] Minghajr pregudizzju u f'kaz li l-ewwel talba f'pessima ipotesi ma tkunx akkolta jigi ordnat li s-sanzjoni mposta tkun wahda anqas harxa."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** datata 6 ta' April 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

"

1. *Illi d-decizjoni moghtija mill-Awtorita' appellata u li minnha qeghdin jappellaw l-appellanti fil-kaz odjern hija wahda gusta, legali u korretta (kif se jigi estensivament ippruvat kemm permezz ta' din ir-Risposta u kif ukoll waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell) u ghalhekk l-appell interpost mill-appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghhom.*

2. *Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti -:*

   *(i) Illi l-appellanti ghandhom licenzja ta' operatur li ggib in-numru LTD/40/03/2 sabiex joperaw l-istazzjon tal-VRT bl-isem Motor Tests Services Ltd fl-indirizz 50, Qasam Industrijali, Luqa LQA3000;*

(ii) *Illi rrizulta lill-Awtorita' appellata li matul ix-xahar ta' Dicembru, 2017 mill-VRT Station li ghaliha ghandhom il-licenzja ta' operatur l-appellanti odjerni nhargu* ***illegalment u abbuzivament*** *mitejn u erbgha u hamsin (254) Pass Test Certificate fejn fil-preponderanza ta' kazijiet il-VRT Test* ***lanqas biss sar*** *u f'cirkostanzi ohra jew ma sarx b'mod komplet jew inkella sar u kellu jinhareg Failed Test Result izda minflok inhareg Pass Test Certificate;*

(iii) *Illi jigi rilevat in oltre illi numru minn dawn ic-certifikati nhargu fis-sieghat bikrija tal-lejl u b'intervall ta' hin anke ta' zewg minuti bejniethom fejn huwa impossibbli illi test tal-VRT isir f'zewg minuti u dan ikompli juri kemm fir-realta' nhargu certifikati minghajr biss ma saru t-tetijiet;*

(iv) *Illi anness ma' din ir-Risposta qed jigi prezentat Statement immarkat bhala Dok. 'A' bid-dettalji kollha relattivi ghall kull kaz;*

(v) *Illi l-maggor parti ta' dawn il-vetturi li ghandhom Certifikat tal-VRT mahrug illegalment u abbuzivament ghadhom qed jinstaqu fit-toroq ta' pajjizna b'potenzjal ta' perikolu kemm ghall-istess sewwieqa u kif ukoll ghal terzi;*

(vi) *Illi l-Awtorita' baghtet avviz lil kull wiehed minn dawn il-245 persuna li nhargulhom Pass Test Certificates mill-istazzjoni tal-VRT in kwistjoni bil-mod illegali u abbuziv fuq imsemmi sabiex immedjatament jiddezistu milli jkomplu jaghmlu uzu mill-vettura taghhom sakemm jaghmlu VRT Test korrettement u jiksbu Pass Test Certificate korrettement u kif suppost izda minn dawn il-254 persuna kienu biss 80 li taw kaz tal-avviz lilhom mibghut mill-Awtorita' filwaqt li mill-175 persuna l-ohra rrizulta li kien hemm wahdiet minnhom li ma rcevewx l-avviz filwaqt li l-maggor parti taghhom ghazlu li jinjorawh kompletament;*

(vii) *Illi mit-80 persuna li wiegbu ghall-avviz lilhom mibghuta mill-Awtorita' u li kienu nghataw Pass Test Certificate illegalment u abbuzivament mill-VRT Station operat mill-appellanti odjerni, kien hemm minnhom li ghaddew minn VRT Test li ghamlu fi stazzjon iehor, ohrajn li m'ghaddewx izda mbaghad ghaddew wara li sewwew u ghamlu re-test u ohrajn illi l-vettura taghhom tant kienet fi stat hazin illi pprocedew biex jiskrappjawha !! Dan kollu kif ampjament spjegat fid-Dokument 'A' hawn anness.*

3. *Illi l-Awtorita' appellata taghmel riferenza ghall-kundizzjonijiet illi l-Operaturi ta' stazzjon ghat-testijiet tal-vetturi huwa obbligat li jhares skond il-ligi u cioe' skond il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 (Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq), fosthom, inter alia, dawk stipulati fi-paragrafi (a), (j) u (r) tas-sub-regolament (1) tar-regolament 10 kif gej -:*

*(a) l-operatur għandu jkun kompletament responsabbli għall-proċeduri kollha ta' testijiet li jsiru fl-istazzjon;*

*(j) l-operatur għandu josserva f'kull ħin ir-regolamenti u standards dwar it-testijiet tal-vetturi biex jiżguraw li dawn huma tajba għat-triq skont dawn ir-regolamenti, u approvati mill-Awtorita; u*

*(r) l-operatur m'għandu, taħt l-ebda ċirkustanza, joħroġ riżultat pożittiv ta' test sakemm ma jkunx sar test komplet u l-oġġetti kollha li kellhom jiġu ttestjati jkunu konformi mal-kundizzjonijiet u standards meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti, jew ta' test magħmul mill-ġdid sakemm dak it-test ma jkunx komplet u l-persuna li tagħmel it-testijiet fuq il-vetturi ma tikkonfermax li t-tiswijiet meħtieġa jkunu saru.*

4. *Illi applikati dawn il-principji stabbiliti bil-ligi (u, bid-dovut rispett, dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex vestit bil-gurisdizzjoni bix jissindaka r-ragjonevolezza o meno tal-ligi izda biex jara jekk id-decizjoni tal-Awtorita kinitx wahda legali u korretta skond dik il-ligi o meno), jirrizulta kjarament illi l-appellanti odjerni qua l-operaturi tal-VRT Station illi minnha nhargu dawn il-254 rizultat pozittiv* ***fazull*** *huma responsabbli skond il-ligi ghal dan l-akkadut u jirrizulta bl-izjed mod car u manifest illi dawn il-kundizzjonijiet illi l-operaturi ta' stazzjonijiet tal-VRT huma obbligati bil-ligi illi josservaw certament li ma gewx osservati fil-kaz odjern.*

5. *Illi filwaqt li fl-appell minnhom inerpost l-appellanti jilmentaw illi d-decizjoni tal-Awtorita' "kienet wahda harxa zzejjed ghall-esponenti fic-cirkostanzi", l-Awtorita' appellata tissottometti li dan assolutament mhuwiex minnu ghaliex il-kaz, kif certament li dan l-Onorabbli Tribunal jista' japprezza, huwa wiehed mill-izjed serju u gravi fejn inhargu 254 rizultat pozittiv ta' VRT illegalment u abbuzivament f'temp ta' xahar, u tant li d-decizjoni tal-Awtorit'a ma kinitx "wahda harxa zzejjed" talli, ghall-kuntrarju, anke fuq l-iskorta tad-decizjoni moghtija minn dan l-Onorabbli Tribunal fil-15 ta' Gunju, 2015 fil-kawza fl-ismijiet "Malcolm Grech –vs- L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta' (Appell Nru: 67/2014), l-Awtorita' appellata kellha d-dritt li tinfliggi l-piena stabbilita fit-Tnax-il Skeda ghal-L.S. 65.15 ghal kull wahda mill-254 nuqqas illi sehh, fejn allura l-multa li kienet tigi inflitta fuq l-appellanti odjerni kienet tamonta ghal €254,000 (€1,000 ghal kull kaz), izda f'dan l-istadju l-Awtorita' appellata, filwaqt li ghad ghandha kull dritt illi tipprocedi b'dan il-mod, ghazlet li tmexxi kontra l-appelanti b'multa ta' €1,000. Fil-fuq imemmija sentenza fl-ismijiet "Malcolm Grech –vs- L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta' (Appell Nru: 67/2014), dan l-Onorabbli Tribunal kien enuncja kif gej:*
*"Illi t-Tribunal ma jaqbel xejn ma' din il-linja ta' hsieb (tal-appellant). Jirrizulta illi n-nuqqas tarrikorrent sehh fi tlett okkazjonijiet differenti fuq tlett vetturi differenti. Il-fatt li sehh l-istess nuqqas ghal iktar minn darba fl-istess xahar ma jfissirx illi ma jattirax mieghu kull darba l-punti ta' penali ai termini tat-Tnax-il Skeda".*

6. *Illi fir-rigward tal-allegazzjoni maghmula illi l-passi mehuda mill-Awtorita' appellata fil-konfront tal-appellanti kienet b'xi forma ta' ritorsjoni ghall-kontro-ezami "serrat" maghmul f'kawza ohra illi hemm pendenti bejn il-partijiet (fatt li, fih innifsu, juri li l-appellanti ma tghallmu xejn mill-problemi li diga kellhom u li ma hadu assolutament ebda passi biex jaraw li l-kazijiet serji t'abbuz u illegalitajiet illi kienu diga gew*

*kommessi minn go din il-VRT station ma jergghux jirrepetu ruhhom), tali allegazzjoni tant hija pwerili u turi faqar ta' hsieb u attitudni illi certament li ma tixraqx lil min ghandu responsabbilita' li jopera VRT Station bl-obbligi kollha imposti mil-ligi fuq tali awtorizazzjoni, li lanqas biss timmerita risposta. Il-passi ttiehdu minhabba fil-gravita u s-serjeta' estrema ta' dan il-kaz u jekk l-appellanti lanqas issa m'ghandhom id-dehen illi jaghrfu u jirrikonoxxu l-gravita' u s-serjeta' ta' dan il-kaz allura certament li mhumiex denji li jibqghu moghnija b;licenzja ta' operatur ta' stazzjon tal-VRT.*

7. *Illi ghar-ragunijiet kollha hawn fuq imfissrau kif se jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u mill-provi estensivi illi l-Awtorita appellata bi hsiebha tressaq f'dan il-kaz, l-appell interpost mill-appellanti huwa wiehed kompletament infondt fil-fat u fid-dritt anzi huwa frivolu u vessatorju filwaqt li d-decizjoni tal-Awtorita appellata hija wahda gusta, korretta u skond il-ligi u ghalhekk timmerita li tigi kkonfermata. "*

Sema' x-xhieda;

Ra l-affidavit tar-rikorrenti Anne Marie Grech u ta' Melvin Zammit;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent Grech hassitha aggravata b'decizjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra datata 26 ta' Frar 2018 li permezz taghha giet mgharrfa illi l-Awtorita` intimata kienet qieghda tirrevoka l-licenzja ta' operatur b'effett immedjat stante li kienet sabet nuqqasijiet gravi fl-operat tal-istazzjoni tal-VRT, fosthom illi numru kbir ta' certifikati ta' *pass* ta' testijiet tal-VRT kienu saru uhud minnhom bil-lejl u ohrajn f'intervall tant qasir li kien impossibbli li wiehed realment jikkonduci tali testijiet. L-Awtorita` intimata stqarret ukoll illi rrizultalha illi nhareg certifkat ta' *pass* lil 177 vettura meta dawn lanqas gew ittestjati u li 51 vettura kien inhargilhom certifikat ta' *pass* meta dawn suppost m'ghaddewx mit-test. Iktar minn hekk kien hemm nuqqas iehor ghall-fatt li ma kinux gew sottomessi lill-Awtorita` ritratti ta' 618 vettura li ghamlu t-test ghall-perjodu bejn l-1 ta' Dicembru 2017 u l-31 ta' Dicembru 2017 u dan kif jitlob Regolament 18C tal-Legislazzjoni sussidjarja 65.15. Ghalhekk gew imposti elf u ghaxar (1010) punti ta' penalita` u wkoll multa amministrativa ta' hdax-il elf, mija u ghaxar ewro (€11,110).

**Ir-rikorrenti Grech** xehdet illi hija sid il-Kumpanija Motor Tests Services Limited. Tispjega li fl-2017 hija impjegat lil certu Joe Delia bhala *helper full time* fl-istazzjon tal-VRT in kwisjtoni. Tispjega li xoghol Delia kien fost affarijiet ohra li jikteb id-*data* tal-*logbook* u kif ukoll jghamel il-*monthly reports* li kienu jghaddu lill-Awtorita` intimata kull xahar. Tghid ukoll illi hija kienet l-*electric remote* tal-garaxx biex jiftah filghodu sabiex jilhaq jixghel u jipprepara l-*computers* ghat-*tester*.

Tispjega illi hija kienet tigbor il-flus tal-gurnata precedenti u tqabbilhom mal-*printouts* tal-*computer* u dan biex taccerta ruhha li ma jkunx hemm abbuz. Tispjega li fl-ahhar ta' Novembru 2017 il-*full time tester* li kien impjegat maghha kien irrizenja u ghalhekk baqghat tiftah is-Sibt biss b'*part time tester*. Ghalhekk talbet lill-*helper* Joe Delia biex jiftah is-Sibt biss pero immedjatament bdiet tinnota certu nuqqasijiet fid-doveri tieghu bhal perezempju ma jiftahx il-garaxx kmieni jew ma jmurx ghax-xoghol. Ghalhekk hija talbitu r-*remote control* lura pero` ma rritornahiex u ghalhekk intervjeniet il-Pulizija u r-*remote control* tahielha lura u hi tterminatlu l-impjieg tieghu. Tispjega li fost id-doveri li kellu Delia kien hemm li johrog ir-rapporti tar-ritratti tal-vetturi li jkunu saru f'xahar partikolari. Peress li hija tterminat l-impjieg ta' Delia hija talbet lill-*part time tester* sabiex jaghmel dawn ir-rapporti hu izda dan sab biss parti mir-rapporti tal-vetturi kollha li kienu gew ittestjati. Ghalhekk hija minnufih informat lill-Awtorita` intimata. Xi jiem wara giet mghajjata gewwa l-Awtorita` intimata fejn giet infurmata illi kienu qed isiru testijiet tal-VRT bil-lejl. Hi rrealizzat li dan kien kollu xoghol ta' Delia li uza l-password tal-*part time* tester peress li malli wiehed idahhal l-ewwel ittra tal-kunjom fil-*username* titla l-*password* awtomatikament. Immedjatament hija marret taghmel rapport l-Ghassa ta' Hal-Luqa biex issir investigazzjoni. Din l-investigazzjoni wasslet ghat-tehid ta' proceduri kriminali fil-konfont ta' Delia li ammetta ghall-imuputazzjonjijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Melvin Zammit** stqarr illi huwa kien ilu mpjegat mas-socjeta` rikorrenti mis-sena 2000 fuq bazi *full time* pero` fis-sena 2017 qaleb fuq bazi *part time* jahdem is-Sibtijiet biss. Mieghu kellu *helper* lil Joe Delia. Spjega li ghal Novembru 2017 kien hemm problemi ma' Delia peress li ma kienx qieghed jirraporta ghax-xoghol. Jispjega li r-rikorrenti Grech kemm-il darba cemplet lil Delia sabiex jirritornalha r-*remote control*. Jghid li peress li Delia ma baqghax

impjegat fl-istazzjon, ir-rikorrenti Grech talbitu sabiex johrog ir-rapporti tar-ritratti li riedu jintbaghtu lill-Awtorita` intimata. Jispjega illi bazikament ikun hemm zewg rapporti, u cioe` l-ewwel rapport huwa tal-vetturi kollha li jkunu marru fil-garaxx u li jkun sarilhom il-VRT, u t-tieni rapport ikun relatat mal-*First Registration,* u cioe` rapport li jindika li vettura tkun qed tigi registrata ghall-ewwel darba f'Malta. Meta ghamel dan l-ezercizzju huwa nduna li r-ritratti kollha tal-VRT li kien ha hu ma kinux fis-sistema. Kien hemm biss tal-*First Registration*. Hu nforma b'dan mill-ewwel lir-rikorrenti Grech li nfurmat lil Transport Malta fejn spjegatilhom li l-*computer* kienet gratu xi hsara u ghal xi raguni tilef id-*data.* Xi jiem wara r-rikorrenti Grech infumatu li xi hadd kien qed juza l-*log in* tieghu biex jidhol fis-sistema u jaghmel it-testijiet bil-lejl. Jispjega li l-ufficjal tal-Awtorita` intimata Joe Mifsud akkuzah li ghamel it-testijiet bil-lejl pero` huwa cahad dan. Wara rapport li sar mir-rikorrenti Grech, il-Pulizija ressqu lil Delia fejn ammetta li kien qed jidhol fil-garaxx bil-lejl u jaghmel it-testijiet minghajr kunsens ta' hadd. Jispjega li l-kwistjoni tal-*password* kienet tqajjmet minnu ma' ufficjal tal-Awtorita` intimata f'kors qabel ma' gara dan l-incident pero` ma sar xejn. Kien biss wara dan il-kaz li nbidel il-programm fir-rigward tal-*automated passwords*.

**L-Ispettur Hubert Cini** xehed illi huwa stazzjonat l-Ghassa ta' Hal-Luqa. Spjega illi r-rkorrenti Grech kienet marret taghmel rapport wara li l-Awtorita` intimata nfurmatha li kienu qed isiru xi testijiet abbuzivi. Jispjega li xi xhur wara Grech kienet indikatlu li kellha suspett f'certu Joe Delia. Meta nterrogat Delia innega li kien jittestja l-vetturi fil-ghaxija pero` ammetta li kien jghaddi testijiet u meta kien jaghmel perezempju ghoxrin vettura kien izomm hamsa ghalih u hmistax jghaddihom il-flus minn taht. Delia kien spjegalu li dan seta' jsir peress li is-sistema tal-*computer* kienet dejjem miftuha. Delia spjegalu wkoll illi Grech ma kienet taf b'xejn minn dan kollu.

**Ikkunsidra:**

Illi dwar il-fatt li nhargu ghadd ta' certifikat ta' *pass* tal-VRT irregolari ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Dak li qieghed jigi kontestat huwa jekk ir-rikorrenti *qua* operatur tal-istazzjon tal-VRT hijiex responsabbli ghall-agir illegali li wettaq il-*helper* Joe Delia.

Ir-rikorrenti Grech tishaq illi hija ma kienet taf b'xejn dwar il-fatt li Delia kien qieghed jaghmel testijiet tal-VRT fl-ghaxijiet jew johrog certifikati tal-VRT b'mod abbuziv.

Illi operatur ta' stazzjon tal-VRT ghandu diversi obbligi ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 (Regolamenti dwar testijiet biex jiccerifikaw li vetturi bil-mutur huma tajba ghat-triq). Ai termini tar-Regolament 10 tac-citati Regolamenti :

*"(1) Meta l-Awtorità tawtorizza lil xi applikant biex jagħmilha ta' operatur ta' stazzjon għat-testijiet tal-vetturi, għandu jħallas għal dik l-awtorizzazzjoni dritt annwali ta' ħames mija tnejnu tmenin euro (€582) għal kull stazzjon ta' testijiet u l-operatur għandu jħares il-kundizzjonijiet li ġejjin:*

***(a) l-operatur għandu jkun kompletament responsabbli għall-proċeduri kollha ta' testijiet li jsiru fl-istazzjon;***

*....*

***(j) l-operatur għandu josserva f'kull ħin ir-regolamenti u standards dwar it-testijiet tal-vetturi biex jiżguraw li dawn huma tajba għat-triq skont dawn ir-regolamenti, u approvati mill-Awtorità;***

***(r) l-operatur m'għandu, taħt l-ebda ċirkustanza, joħroġ riżultat pożittiv ta' test sakemm ma jkunx sar test komplet u l-oġġetti kollha li kellhom jiġu ttestjati jkunu konformi mal-kundizzjonijiet u standards meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti, jew ta' test magħmul mill-ġdid sakemm dak it-test ma jkunx komplet u l-persuna li tagħmel it-testijiet fuq il-vetturi ma tikkonfermax li t-tiswijiet meħtieġa jkunu saru;"***

Ksur ta' dawn l-obbligi, fost ohrajn, jattira mieghu punti penali u multi amministrattivi skond kif elenkat f'Regolament 21:

*"(1)* ***Operatur li jonqos li jħares il-kondizzjonijiet ta' kuntratt għall-operaturi taħt dawn ir-regolamenti*** *u persuna li tittestja li tonqos milli tħares il-kondizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-*
*regolamenti għall-persuni li jkollhom liċenza biex jittestjaw,* ***ikunu qed jikkontravjenu l-kondizzjonijiet imsemmija u jeħlu l-punti ta' penalità u l-multi amministrattivi mniżżla fit-Tnax-il Skeda.***

*(2)* ***Meta operatur jonqos milli jħares il-kondizzjonijiet stabbiliti għall-operaturi taħt dawn ir-regolamenti*** *u meta persuna li tittestja tonqos milli tħares il-kondizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti għall-persuni li jkollhom liċenza biex jittestjaw,* ***l-Awtorità għandha tagħti lill-operatur*** *jew lill-persuna li tittestja,* ***skont ma jkun il-każ, avviż bil-miktub li jkun jispeċifika l-ksur tal-kondizzjonijiet, in-numru adatt ta' punti ta'***

***penalità li jkunu  ser jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li tittestja, il-multa amministrattva li tkun ser tiġi imposta fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur, u l-perjodu li fih għandha tiġi mħallsa  l-multa amministrattiva skont is-subregolament (5). L-avviż għandu jgħid ukoll li n-nuqqas ta' ħlas tal-multa fil-perjodu msemmi jwassal għas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni ta' operatur u għall-impożizzjoni ta' multa kuljum skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (7)."***

Illi t-Tnax-il Skeda msemmija hawn fuq telenka ghadd ta' nuqqasijiet li taghhom jistghu jinstabu hatja l-operatur u/jew it-*tester.* Kull kontravvenzjoni ggorr maghha punti ta' penalita` u li skond Regolament 21 (4) kull punt ta' penalita` li jitnaqqas lill-operatur jissarraf f'multa amministrattiva ta' ħdax-il euro (€11).

Illi sfortunament hadd mill-Awtorita` intimata ma tela' jixhed dwar kif zvolga dan il-kaz u kif waslu ghar-rizultati msemmija fid-decizjoni appellata. L-uniku haga li t-Tribunal ghandu quddiemu, apparti d-decizjoni appellata hija lista b'ghadd konsiderevoli ta' vetturi li skond ir-risposta tal-Awtorita` intimata huma l-vetturi kollha li nhargilhom *pass* b'mod irregolari jew ghaliex it-test fil-verita` qatt ma sar jew inkella it-test ma sarx kif suppost. Madankollu ir-rikorrenti fl-ebda mument ma kkontestaw dawn il-fatti.

In vista ta' dak riskontrat minnha, l-Awtorita` intimata applikat Partita 93 tat-Tnax-il Skeda li timponi elf (1000) punt ta' penalita` ghal operatur li johrog riżultat pożittiv ta' test, jew mingħajr ma wettaq it-test komplet, jew fejn kellu jinhareġ riżultat li juri li t-test falla. Applikat ukoll Partita 49 li timponi ghaxar (10) punti ta' penalita` stante li l-procedura tar-ritratti ma gietx segwita. Dawn il-punti ta' penalita` attiraw maghhom multa amministrativa ta' hdax-il elf, mija u ghaxar ewro (€11,110) flimkien mar-revoka tal-licenzja ta' operatur.

Ai termini tar-Regolament 11 (5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 "***l-Awtorità tista' f'kull ħin u fuq bażi raġonevoli tissospendi, tirtira jew tħassar awtorizzazzjoni għall-operat ta' stazzjon għat-testijiet billi tagħti lil operatur avviż bil-miktub li fih tagħti r-raġunijiet għal dik is-sospensjoni, irtirar jew tħassir:***

***Iżda kemm-il darba ma jkunx hemm mġiba ħażina jew negliġenza jew raġunijiet aktar serji għal sospensjoni, teħid lura jew tħassir immedjat, id-data operattiva ta' dak l-avviż m'għandhiex tkun inqas minn tmienja u għoxrin ġurnata mid-data tal-avviż."***

Illi fid-decizjoni appellata l-Awtorita' intimata infurmat lir-rikorrenti illi hija kienet qieghda **tirrevoka l-licenzja ta' operatur b'mod immedjat** stante li kienu jezistu *"gross acts of misconduct or negligence and/or other serious grounds which warrant the immediate revocation of your licence, and this for the reasons hereunder explained."*

Illi ghalhekk l-Awtorita` intimata ezercitat id-diskrezzjoni taghha sabiex tirreovka l-licenzja abbazi tal-fatt illi fix-xahar ta' Dicembru 2017 u fl-ewwel granet ta' Jannar 2018:-

- **numru kbir ta' certifikati ta' *pass* ta' testijiet tal-VRT kienu saru parti minnhom bil-lejl u ohrajn f'intervall tant qasir li kien impossibbli li wiehed realment jikkonduci tali testijiet;**
- **inhareg certifkat ta' pass lil 177 vettura meta dawn lanqas gew ittestjati u li 51 vettura kien inhargilhom certifikat ta' pass meta dawn suppost kienu m'ghaddewx mit-test;**
- **kien hemm nuqqas iehor ghall-fatt li ma kinux gew sottomessi lill-Awtorita` ritratti ta' 618 vettura li ghamlu t-test ghall-perjodu bejn l-1 ta' Dicembru 2017 u l-31 ta' Dicembru 2017 u dan kif jitlob Regolament 18C tal-Legislazzjoni sussidjarja 65.15.**

Illi gie stabbilit illi fil-perjodu indikat fid-decizjoni appellata l-istazzjon tal-VRT in kwistjoni kien qieghed jahdem biss is-Sibtijiet stante li l-*full time tester* telaq f'Novembru 2017. Jirrizulta wkoll illi l-*helper full time* Joe Delia kien mitlub mir-rikorrenti Grech sabiex jibqa' jahdem biss is-Sibtijiet mat-*tester part time* Melvin Zammit. Jirrizulta wkoll illi Joe Delia kellu pussess tal-garaxx in kwistjoni stante li kellu r-*remote control* tal-garaxx li kienet taghtu r-rikorrenti Grech meta l-garaxx kien ghadu jiffunzjona b'mod normali, u cioe` meta kienu ghadu fl-impjieg tieghu it-*tester full time*. Mitlub jirritorna l-istess *remote control* minn Grech, Delia baqa' ma rritornahiex u kien biss bl-intervent tal-Pulizija li dan sar.

Illi t-Tribunal iqis stramb il-fatt li r-rikorrenti ma pproducewx lill-*helper* Joe Delia sabiex jixhed f'dawn il-proceduri sabiex isahhah dak li qieghda

tissottometti r-rikorrenti Grech, u cioe` illi hija ma kellha x'taqsam xejn mal-abbuz li sar mill-istazzjon in kwistjoni. Ma kien hemm xejn x'josta lil Delia milli jaghti x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri stante li l-proceduri kriminali kontrih kienu gew konkluzi.

Ghalkemm jirrizulta illi kienet ir-rikorrenti Grech stess li ghamlet rapport mal-Pulizija biex jigi investigat dak li l-Awtorita` intimata nfurmatha li kien qieghed isir fl-istazzjon tal-VRT dan ma jezonrahiex mill-obbligi taghha *qua* operatur. Ir-rikorrenti Grech kellha tkun iktar vigilanti fuq l-operat tal-istazzjoni tal-VRT. Dan iktar u iktar meta ftit xhur qabel kienet ghadha kif giet infurmata illi *tester* taghha kien ghamel test fazull u li dwaru giet penalizzata *quo* operatur, liema decizjoni tinsab appellata quddiem dan it-Tribunal u dwarha se tinghata sentenza llum stess. Ir-rikorrenti Grech *qua* operatur kellha tiehu hsieb dak li kien qieghed jigri fl-istazzjon in kwistjoni mhux biss biex tara li qieghed ikollha l-qliegh mill-operat tieghu, izda kellha taccerta ruhha li ma kien qieghed isir l-ebda abbuz. Il-fatt li hija tat access liberu ghall-garaxx lil Delia u wkoll li ma hadet l-ebda prekawzjoni fis-sistema tal-IT taghha biex hadd hliefha ma jkun jista' jaccedi ghas-sistema biex eventwalment wara t-*tester* ikun jista' jaccessa s-sistema tal-VRT, juru nuqqas ta' diligenza da parti taghha. Huwa car illi r-rikorrenti Grech ma haditx hsieb li telimna l-abbuzi, anzi tat lok li l-abbuzi jsiru. Dan certament imur kontra l-obbligi taghha *qua* operatur ta' stazzjoni ta' VRT, specjalment ghal dak li jirrigwarda l-obbligi ai termini tar-Regolament 10 (1) (a), (j) u (r) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Din il-laxkezza fl-attitudini tar-rikorrenti Grech wasslet biex ghadd kbir ta' vetturi gew mghoddija mill-VRT u li wara rrizulta li ma kellhom qatt jghaddu. Din hija negligenza kbira li tat lok li fit-toroq iccirkolaw jew ghadhom qed jiccirkolaw vetturi li jistghu ikunu ta' perikolu kemm ghas-sewwieqa nfushom u kemm ghal terzi.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata kienet gusta fid-decizjoni taghha meta irrevokat il-licenzja ta' operatur u wkoll meta imponiet il-punti ta' penalita` fir-rigward ta' Partita 49 u 93 tat-Tnax-il Skeda tar-Regolamenti hawn fuq imsemmija u dan ghar-ragunijiet spjegati iktar 'il fuq.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**